# *Giovanni Curmi Poeta*

*Studju Kritiku ta'* ĠUŻE' CHETCUTI

I

Giovanni Curmi hu wieħed mill-ftit Maltin li żammew tix-għel it-torċa tat-tradizzjoni letterarja Taljana. Oreste F. Ten-cajoli fil-ktieb "Poeti Maltesi d'Oggi" li ħareġ fis-sena 1932, fisser ruħu hekk fuq Giovanni Curmi:

"Poeta, rumanzier, ġurnalista u konferenzier, Giovanni Curmi jħobb l-arti bil-passjoni kolliha li tnissel fih iż-żgħużija tiegħu, imħeġġa u qawwija; profond fih hu s-sentiment tan-natura, mill-iżjed profond huwa s-sentiment tal-ġmiel. Huwa jħobb u jqim lill-gżira tiegħu għanja bit-tifkiriet kbar u glor-jużi li għandha, u lill-poplu Malti twajjeb u serju, għalkemm fil-vini tiegħu waqtiet jiġru wkoll tqanqiliet li jeħduh f'aspiraz-zjonijiet akbar u aktar wesgħin."

Dan il-kumment inkiteb meta Giovanni Curmi kien għadu żagħżugħ, u l-poeżiji li kienu ngħażlu f'dik l-antoloġija ta' Poeti Maltin kienu l-ewwel xrariet li kebbsu fil-qalb tal-poeta tagħna l-imħabba għall-poeżija, imħabba li kellha twarrad maż-żmien biex tagħti frott mill-aħjar. Minn dak iż-żmien 'il hawn Giovanni Curmi baqa' jaħdem bla mistrieħ. Twieled biex igħix għall-Arti. Fi tletin sena ta' ħajja mimlija attività letterarja hu ippublika għadd kbir ta' kotba — poeżiji, novelli, xogħlijiet ta' kritika, djalogi, rumanz u storja tal-letteratura Taljana — u t-tifħir li qala' minn rivisti letterarji u awturi magħrufa Taljani juru ċar li Giovanni Curmi hu kittieb ta' qawwa kbira. Fost dawk li kitbu u ikkommentaw fuq ix-xogħ-lijiet tiegħu hemm Ada Negri, poetessa magħrufa għas-sinċe-rità ta' l-ispirazzjoni b'mod speċjali fil-kotba "Maternità" u "Il Libro di Mara".

Meta fl-1938 Giovanni Curmi ħareġ il-ktieb "Cento No-velle Paradossali", Roberto Bracco, li ismu hu magħruf fl-is-torja tal-letteratura kontemporanea Taljana, għamel dan il-kumment: "Għamilt konoxxenza ta' kittieb mill-aqwa. Veru mgħallem ta' l-istil ħafif u mexxej. Faċilità, sempliċità, qawwa fl-espressjoni, effett immedjat. Umoriżmu awtentiku flimkien ma' spirtu ċajtier naturali. Umoriżmu l-ħin kollu. Ebda sforz. Ebda taħbit. Fantasija ineżawribbli ibbażata fuq sfond ta' filo-sofija u tagħlim tal-ħajja.

"Għandu xi ftit ta' l-umoriżmu Ingliż? Jidhirli li għandu.

U fuq hekk ma għandux għax jinkwieta. Għall-kuntrarju. Għaliex biss it-tibdil kontinwu internazzjonali li jista' jassikura għal dejjem il-prosperità ta' l-Arti."

Kumment ieħor minn A.T. Kolatschevsky iqegħdilna quddiemna lil Giovanni Curmi bħala awtur li għandu sens qawwi ta' osservazzjoni : "Bilfors li int osservatur kbir li tara l-ħwejjeġ tad-dinja li l-'pubbliku' li għandu ħsiebu biss fil-ħajja materjali ma jistax jarahom. Nifraħlek minn qalbi...... għas-safa ta' l-istil sabiħ, ħaj u ferrieħi li jwiddeb u jiggwida l-qarrej salquċċata tal-filosofija u li, fl-istess ħin, ma jolqot u ma jweġġa' lil ħadd."

Hekk ukoll Carlo Weidlich : "Curmi jaf josserva. Josserva kollox. B'mod mill-iżjed metikoluż. Dan narawh fil-ktieb 'Il Delitto di Villa Cremera' : hemm fih it-timbru polizjesk, it-timbru romantiku, it-timbru sentimentali, imma, fl-aħħar mill-aħħar, l-istil hu dejjem l-istess : sempliċi, sinċier, bla tirqim żejjed, kitba mfissra kif nitkellmu."

Tlieta huma l-fażi li nilTaqgħu magħhom fil-karriera poetika ta' Curmi : l-ewwel, iż-żgħużija u l-imħabba; imbagħad il-familja, l-epoka tal-maturità; u fl-aħħarnett, il-poeżija tal-meditazzjoni meta l-poeta beda jikteb fuq it-tiġrib iebes tal-ħajja.

Fis-sena 1923 ħareġ l-ewwel ktieb tiegħu ta' poeżiji "Liriche", poeżiji maħruġa mill-qalb żagħżugħa tal-poeta bħal suffarell li jtir minn ħaġra taż-żnied. Huma l-ewwel esperjenza talħajja Il-poeta fittex li b'sentimenti poetiċi jagħtina figura ta' limħabba kif raha u kif ħassha hu f'mumenti ta' illużjoni u disillużjoni, ta' ferħ u swied il-qalb, ta' ħolm u realtà. Il-poeżija ta' l-imħabba ma tistax tkun ħlief poeżija lirika : għax hi mhix ħlief l-espressjoni ta' sentiment ta' mument, riflessjoni profonda li taħkem lill-poeta f'ħin ta' ispirazzjoni u li tfawwar minn ruħu bħal nixxiegħa safja li ssemep qalb il-mogħdijiet imwiegħra talħajja. Il-qalb mill-iżjed sensittiva tal-poeta timtela bis-seħer talfantasija u, bħalma għamlu matul iż-żminijiet il-poeti ta' l-Arcadia u poeti oħra kbar bħal Saffo, Dante, Petrarca u Leopardi, hi wkoll tgħanni msaħħra mill-preżenza divina ta' l-imħabba. Il-versi ta' Giovanni Curmi fil-poeżija ta' mħabba, għalkemm kienu l-ewwel poeżiji li nkitbu, imma jinħassu mielsa bħaż-żiffa ħelwa tar-rebbiegħa għax fihom jiġbru ż-żewġ karatteristiċi importanti tal-poeżija, jiġifieri s-sinċerità u s-sempli-

ċità. Il-ktieb "Liriche" hu mqassam f'erbgħa: l-ewwel "Il-Għana tal-Ħajja" (I Canti della Vita), imbagħad "Imħabba u Fantasija" (Amori e Fantasie), it-tielet parti "Mill-Qiegħ tal-Qalb" (Dal Profondo) u fl-aħħarnett "Għana tal-Ħarifa" (Autunnali). F'dan l-ewwel ktieb tinħass b'xi mod l-influwenza tad-D'Annunzio. Nifhiehmu: hi ħaġa naturali illi l-poeta fil-bidu tal-karriera tiegħu jfittex id-dawl ta' l-ispirazzjoni li hu jħoss li l-aktar li jista' jmexxih fit-triq li jkun ser jaqbad. Il-personalità u l-individwalità ma jiġux mill-ewwel. Iridu ż-żmien tagħhom. Il-poeta jieħu l-personalità tiegħu mill-istudji profondi li jagħmel matul is-snin u, wisq aktar minn hekk, mill-esperjenza tal-ħajja. U l-esperjenza ma tiġix bħal leħħa ta' berqa, imma trid is-snin it-twal li fihom il-poeta jkollu jbati biex ikun jista' jikteb dak li jħoss. Dik tkun il-poeżija tiegħu għax maħduma fuq l-inkwina ta' qalbu.

Jiftaħ il-ktieb "Liriche" bit-tliet sunetti "Intima Storia". Nagħti bħala eżempju ta' sempliċità fil-kelma, ħlewwa fl-espressjoni u titjir ta' immaġinazzjoni, dan is-sunett, l-ewwel wieħed mit-tlieta:

Qui sotto i cieli limpidi e fulgenti
innanzi a l'ampia libertà del mare
nacquero i primi sogni miei ridenti
e il cuor mio folle cominciò ad amare.

La letizia del sole e i freschi venti,
la nostalgia del ciel crepuscolare
e il murmure de l'onde sonnolenti
erano allor le cose mie più care.

Tutto era dolce come una carezza,
se non che nel mio petto a quando a quando
già sentivo una nota di tristezza.

Ma lieto era il mio labbro ed il mio viso,
il cielo al mare sorrideva blando,
e alla vita guardai con un sorriso.

Il-ħajja, il-glorja tan-natura, iż-żgħużija, il-passjoni, il-paċi u l-ferħ isawwru bejniethom festa ta' mħabba. Il-ħajja bit-tgawdija u l-imrar tagħha l-poeta tagħna jrid igawdiha kollha kemm hi:

O vita in questa gioventù mia fiera
io con tutti i tuoi gaudii e i tuoi tormenti
voglio, tutta qual sei, goderti intera!

Il-poeta jgħix fid-dawl sabiħ tar-rebbiegħa, fost il-ġmiel tan-natura, dik l-omm immortali, u fir-ruħ tiegħu żagħżugħa jħoss it-tqanqil u l-ferħ tal-poeżija:

Dal cuore all'imo e giù dall'imo al cuore
le vene mi fluiscono esultanti
con tutta la freschezza de l'aurore.

Il-poeżija għandha seħer fuq il-qalb tal-poeti żgħażagħ, seħer li ż-żmien ma jista' qatt itemm. Giovanni Curmi fis-sunett "Arte" li deher fil-ktieb imsemmi "Liriche" jagħtina affermazzjoni serja tal-missjoni tiegħu ta' poeta:

E solo in te trovai la gioia vera.
ogni altra cosa fu caduca e vile,
ogni altro amore, ch'io credea gentile,
una favola breve e menzognera.

E sempre a te fu l'anima asservita,
e te sempre laudai sovra ogni cosa
su tutti gli altri beni di mia vita.

Ħafna snin wara din l-istess affermazzjoni nsibuha f'poeżija oħra li dehret fil-"Malta Letteraria" (Jannar-April, 1952). "Alla Poesia" hi rifless ħaj tas-sentimenti mill-iżjed profondi tal-poeta, u jidher li kitibha meta fih ħass in-nostalġija ta' l-imgħoddi u seta' jħares lura fuq il-medda taż-żminijiet u jiftakar fil-ħolm u l-viżjoni ta' żgħożitu:

E quanti sogni e idilli, nel mite albor lunare,
fantasticammo insieme: insieme io e tu!

Il-lum, għalkemm il-poeta kiber, il-poeżija għadu jħossha tiġbdu bis-seħer tagħha. Iż-żgħożija għaddiet bħal ħolma, u ġew żminijiet oħra sbieħ u henjin: il-benniena u bintu tarbija, u mill-qalb tal-missier li taf tħobb ħarġet tfawwar u taqbeż il-poeżija:

Come un fugace sogno che sfuma alla mattina
sparve la giovinezza, passò la prima età :
poi altri tempi dolci : la culla e la bambina;
e su dal cor balzare i canti di papà.

Qisha ħolma ħafifa li tgħib x'ħin jisbaħ l-għada
hekk għebet iż-żgħożija, għaddiet l-ewwel età :
imbagħad żmien ieħor ħelu : in-nieqa w it-tarbija,
u mill-qalb safja fawwar il-għana tal-papà.

Imma l-lum illi l-ħajja l-poeta qed iħossha nieżla, nieżla, u dik it-tarbija saret sinjorina u ma tridx taf aktar "bil-għana tal-papà", għaliex il-Poeżija għadu jħossha tiġbdu u ssaħħru bil-ġmiel tagħha? Ma jimpurtax li ż-żmien għadda u l-ħajja tbiddlet. Poeta u Poeżija ma jinfirdu qatt :

Che importa se la vita è stata un sogno vano?
O malta Amata vieni, come venivi allor!
O molto Amata inebriami! Come al tempo lontano,
fantasticare è dolce, dolce è sognare ancor.

X'jimporta jekk il-ħajja kinitli ħolma fiergħa?
O wisq maħbuba ejja, kif ġejtni dak iż-żmien!
O wisq maħbuba qalbi ferraħli! Bħall-imgħoddi
ħelwin il-fantasija will-ħolm li noħlom jien.

Anki fl-ewwel poeżiji, għalkemm Giovanni Curmi kien għadu żagħżugħ, naraw fil-bidu tagħhom anki dawk il-kwalitajiet letterarji li jiffurmaw il-poeta kbir : is-sentiment u l-immaġinazzjoni. Curmi hu poeta li jaf iħaddem bis-sengħa x-xjenza tar-ritmu, mgħallem tal-kelma li jaf jorqomha u jżewwaqha biex tagħtih il-ġmiel ta' ideat li jrid hu u, b'mod mill-aħjar, igħaqqad ħsibijiet u sentimenti f'armonija melodjuża.

Il-poeżija mhijiex xi logħba, igħidilna l-poeta liriku Franċiż Francois Villon. Dan hu l-messaġġ li dan il-poeta kbir Franċiż għadda lill-poeti ta' żmienu u ta' warajh : "Il-Poeżija mhijiex xi logħba sempliċi. Is-sens umoristiku, l-għerf u t-tirqim li ddaħħal fil-poeżiji tiegħek m'huma xejn, jew kważi xejn, jekk fihom ma ddaħħalx ukoll l-aktar parti profonda ta' qalbek. Il-poeżija mhijiex biss ġabra bis-sengħa ta' ħsejjes u xbihat : hi l-għanja profonda ta' bniedem. Tqabbad l-egħruq tagħha fil-qiegħ

tal-qalb umana; u minn hemm tiehu l-ħajja tagħha; u hemmhekk illi hi ssib il-kwalità essenzjali biex tkun tista' tgħix ħajja kbira u qawwija li tibqa' sħiħa għal dejjem."

Din il-forza moħbija, misterjuża, li toħloq il-ħajja fil-poeżija, insibuha f'ħafna mill-poeżiji li Curmi kiteb fl-epoka tal-maturità tiegħu, imma mhux biss f'dawn il-poeżiji iżda anki f'poeżiji oħra tal-bidu bħalma huma "L'anima profonda", "Solitudine", "Sono come la vergine", u "Tristezze d'autunno". Profondità ta' ħsieb imsieħba ma' qawwa ta' mħabba lejn Alla, għajn ta' kull virtù u ġmiel, li fih il-poeta jsib il-meditazzjoni intellettwali tiegħu, insibuha f'din it-terzina li tagħlaq issunett "Solitudine":

Al bene tutta l'anima s'inclina,
il cuore si fa puro e angelicato,
e lo spirito a Dio più s'avvicina.

Iżda l-poeżija hi l-istess bħal tfajla li ssaħħrek bi ħlewwitha jekk tkun liebsa meqjus u kif għandu jkun. Il-libsa tal-poeżija tifformaha t-teknika tal-versi, jiġifieri l-istil. L-istil li fuqu mexa Giovanni Curmi hu l-istil klassiku-romantiku. Il-poeżija tiegħu ma tinqatax mill-istil tradizzjonalista, u l-vina romantika tinħass f'ħafna mill-poeżiji, b'mod speċjali f'dawk li kiteb flewwel u fit-tieni fażi tal-karriera tiegħu fiż-żmien li ħareġ "Il Canzoniere della Bambina". Fuq din it-tieni fażi nitkellmu fittieni parti ta' dan l-istudju. Bħala eżempju ta' poeżija romantika nsemmi mill-ktieb "Liriche" dawk li tawni impressjoni mill-aħjar, jiġifieri "Le fanciulle del sogno e della vita", "Romanza" u "Fantasia", poeżiji ta' mħabba li tfewwaħ bħal warda li tkun għadha kemm fetħet għad-dawl tal-ħajja. Araw id-delikatezza tas-sentimenti u l-ħlewwa ta' l-idea f'dawn il-versi :

FANTASIA

Danzavi tutta fresca e tutta aulente
(non così forte aulivano le rose)
una danza di sogni e voluttà :
ardevan gli occhi tuoi vivacemente
come due fiamme, grandi e luminose,
e danzavi con lieta agilità.

Nei miei sogni, di te tutti fragranti,
una imagine sola alta fioria ;

d'altro non so, non mi ricordo più.
Ma da quel giorno porto nei miei canti
una nuova più fulgida armonia,
è l'armonia con cui danzavi tu.

Sentimenti mqanqlin bil-vitalità ta' l-imħabba 'ħolqu fil-poeta sens qawwi ta' ottimiżmu. Għall-poeta f'dak iż-żmien im-warrad ta' żgħożitu kollox kien jidher tajjeb u sabiħ. Il-kwiekeb, il-qamar, it-tfajliet ferrieħa, bjondi jew somor imdawra fil-misteru tal-ħolm tefgħu bħal dawl sabiħ ta' hena u ta' mħabba fil-ħajja tal-poeta tagħna. Baqa' dak id-dawl ta' paċi u ta' ottimiżmu jiggwidah matul il-karriera kollha tiegħu poetika? Ngħid li baqa', għalkemm ma setax jonqos, l-aktar fit-tielet fażi ta' ħajtu, li r-riħ tal-ħarifa waqqa' 'l hemm u 'l hawn xi weraq niexef' imma s-siġra baqgħet dejjem ħajja mimlija bil-għana tar-rebbiegħa u bil-glorja li tatha n-natura :

Vivo d'arte e di sogni, e a l'alma mia
è un giorno di tripudi e d'allegrezza
quando sorride in me la poesia.

Il-ħajja tiegħu li qassamna fi tliet fażi kienet kollha kemm hi ħajja ta' poeżija.

L-ewwel, naraw il-ġmiel u s-saħħa taż-żgħożija, il-ħeġġa ta' ħajja attiva, is-sider mimli b'inni ta' ferħ u bluha, il-paċi tar-ruħ, it-tifkiriet tat-tfulija--id-dlam tan-niket jintrebaħ mid-dawl tat-tama, u għall-poeta kollox jidher hieni fil-kontemplazzjoni tat-tfajliet u fix-xewqa ta' mħabba li ma tintemmx.

It-tieni, ir-realtà tal-ħajja miżżewġa, il-viżjoni tal-futur, il-benniena lesta ħalli tilqa' t-tarbija li għadha ġejja, il-ferħ tat-twelid, l-imħabba tal-missier u ta' l-omm, id-daħk, il-logħob, il-ħolm u l-ansjetà.

It-tielet, il-meditazzjoni u r-riflessjoni fuq dak li għadda, ir-ruħ li tfittex għalxejn biex tifhem il-misterju tal-ħajja fin-niket u fit-tgawdija, il-paċi fi ħdan il-familja, il-mewt, ir-rabta ma' Alla, l-ispirtu reliġjuż qawwi fil-poeta ottimista :

Io non ho nulla : quello che possiedo
nella vita e un Tuo dono : anche la morte ,
benchè castigo, è un dono, anzi il più grande
Tuo dono se ci porta fino a Te.
(A Dio).

Jien m'għandi xejn : u dak li għandi

fil-ħajja tajthuli Int: anki l-mewt,
għalkemm kastig, hi don, anzi l-akbar don
jekk hi twassalna Ħdejk.

Dawn huma s-sentimenti sbieħ tal-poeta li fid-dlam ra dejjem xaqq dawl ta' tama, u fin-niket fittex dejjem il-ferħ. Hu fittex u sab l-imħabba fil-kobor tan-natura, fil-ħajja ferrieħa tażżgħożija, fil-kenn u fil-paċi tad-dar, u f'Alla li minnu ħa l-ispirazzjoni tiegħu. Giovanni Curmi hu poeta mitwieled: il-poeżija tiegħu tibqa' maż-żmien tferraħ, twiddeb u tgħallem, għax hi poeżija li ħarġet naturali mill-qalb ibbażata fuq il-filosofija u l-esperjenza tal-ħajja.